## 22 ta' Novembru, 1945.

## Imħallef:

### L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Filippo Cilia et. *versus* Emmanuele Bezzina

## Retratt — Depożitu tal-Prezz — Ċedola — Art. 1185 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.

*Meta r-retratt jiġi eżerċitat mingħajr ma tkun saret notifikazzjoni preċedenti tal-bejgħ, ir-retraent jeżerċita validament ir-retratt avvolja ma jkunx iddepożita l-prezz tal-bejgħ maċ-ċedola ta' l-irkupru, kemm il-darba huwa jieħu l-ġurament li jinjora s-somma tal-prezz jew ta' l-ispejjeż, jew il-ħlas tal-waħda jew ta' l-oħra; basta huwa jiddepożita s-somma intiera, tal-prezz u ta' l-ispejjeż, fi żmien għaxart ijiem minn meta b'att ġudizzjarju r-retrattarju jinnotifikalu s-somom minnu mħallsa.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi, wara li ppremettew illi b'ċedola ta' l-irkupru ta' l-ewwel ta' Ġunju 1945, irkupraw mill-poter tal konvenut, bit-titolu ta' konsangwinei-

.à ma.-vendituri u b'titolu ohra validu fil-ligi, il-porzjoni maqsuma tal-lok ta' djar f Haż-Żebbuġ, Triq Santa Marija, numri 62 u 63, li qabel kienu 48 u 49, fond li l-konvenut kien akkwista minn għand Antonio Genovese b'kuntratt in atti Dr. Giuseppe Sammut tat-3 ta' April 1945 bil-prezz ta' £300, liema prezz skond id-dispożizzjoni ta' l-art. 1185 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 ma ġiex depożitat ma' l-imsemmija ċedola, iżda in segwitu flimkien ma' l-interessi ġie depożitat a favur tal-konvenut b'ċedola tat-23 ta' Ġunju 1945; u li l-konvenut ma nnotifikahomx bl-ammont ta' l-ispejjeż leġittimi li għamel fl-okkażjoni ta' l-akkwist, u lanqas ma għamel ir-rivendizzjoni tal-fond; talbu illi l-istess konvenut jiġi kundannat jagħmel favur tagħhom ir-rivendizzjoni ta' l-istess fond fi żmien qasir, u f'każ ta' nuqqas li jiġi dikjarat illi r-rivendizzjoni ta' l-istess fond tiġi effettwata bl-istess sentenza; salva favur il-konvenut ir-rifużjoni ta' l-ammont ta' l-ispejjeż leġittimi ta' l-akkwist da parti tagħhom, li huma pronti biex jeffettwaw anki waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mhix baġa ta' kuntrast bejn il-kontendenti illi l-atturi għandhom id-dritt għall-irkupru tal-fond bit-titolu indikat fiċ-ċitazzjoni;

Illi dak id-dritt ta' l-irkupru ġie validament eżerċitat mill-atturi biċ-ċedola ta' l-4 ta' Ġunju 1945, anki jekk ma ġiex depożitat il-prezz; għaliex ir-retratt ma ġiex preċedut min notifikazzjoni tal-bejgħ, u l-atturi ddikjaraw bil-ġurament tagħhom li ma jafux liema spejjeż leġittimi għamel il-konvenut fl-okkażjoni ta' l-akkwist tal-fond; u kif ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà tar-Re fis-27 ta' Jannar 1936, fil-kawża "*Falzon vs. Gerard*", mill-kliem ċar ta' l-art. 1185 jidher evidenti illi meta r-retratt ma jkunx preċedut min-notifikazzjoni tal-bejgħ, ir-retraenti li fiċ-ċedola tar-retratt jiddikjara bil-ġurament li jinjora s-somma tal-prezz, jew ta' l-ispejjeż, jew il-ħlas ta' waħda jew l-oħra, jeeżerċita validament ir-retratt non ostanti li ma jagħmelx depożitu; u għalhekk id-depożitu tassomom konoxxuti huwa fakoltativ meta jkunu injorati somom oħra: basta li d-depożitu tas-somma ntiera jsir fl-għaxart ijiem min-notifika b'att ġudizzjarju li bih ir-retrattarju jiddikjara

s-somom tintemm inhallsa. Fil-każ preżenti d-depożitu tal-prezz sar qabel l-imsemmija notifika, biċ-ċedola tal-21 ta' Ġunju 1945, u d-depożitu tas-somom l-oħra ta' l-ispejjeż sar biċ-ċedola tat-28 ta' Settembru 1945, sitt ijiem wara li l-konvenut innotifika lill-atturi per mezz ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Settembru 1945, il-bilanċ ta' dawk is-somom;

Illi għalhekk l-atturi adempew l-obligi tagħhom kollha skond il-liġi, u l-konvenut huwa kwindi tenut jagħmlilhom ir-rivendizzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tikkundanna lill-konvenut jagħmel favur l-atturi r-rivendizzjoni tal-fond indikat fiċ-ċitazzjoni fi żmien ta' tliet ġimgħat mil-lum, u f'każ ta' nuqqas tiddikjara li r-rivendizzjoni għandha tiġi effettwata in forza ta' din is-sentenza;

L-ispejjeż jitħallsu minn għand il-konvenut.